**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jurgen Vella]**

**vs**

**Emanuel Cassar**

**Kumpilazzjoni Numru: 266/13**

**Illum, 13 ta' Novembru, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Emanuel Cassar detentur tal-karta tal-identita` numru 527571M.

Akkuzat talli nhar l-20 ta' Marzu 2013 ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu (02:30hrs) u sieghat qabel, gewwa Matteo, triq Vincenzo Maculano l-Fgura u f'dawn il-gzejjer bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil ibnu minuri Luca Cassar kontra l-volonta' tieghu ghad li kien jaf li gie mahrug mandat jew ordni mill-awtorita' kompetenti ghall-kunsinna tal-persuna mizmuma jew issekwestrata, ta' ibnu Luca Cassar.

Talli fl-istess data hin lok u cirkostanza, aghmel rezistenza bi vjolenza jew hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

Talli fl-istess data hin lok u cirkostanza ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' l-ispettur Spiridione Zammit persuna inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan isservizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Talli fl-istess data hin lok u cirkostanza ikkaguna lil ispettur tal-pulizija Spiridione Zammit biza li ser tintuza vjolenza kontra tieghu jew kontra l-propjeta tieghu.

Talli fl-istess data hin lok u cirkostanza bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor;

Talli fl-istess data hin lok u cirkostanza qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew jaghmel atti jew gesti oxxeni, li joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanza ma obdix l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jhallihx jew ifixklu waqt li jkun jaghmel iddmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, jindahal fi dmiru, billi ma jhallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fixxejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi.

U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanza ghamel ingurji jew theddid lil ispettur Spiridione Zammit jew ingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

Talli b'hekk sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija titratta lil imputat bhala impjegat jew ufficjal pubbliku u dan ai termini tal-artikolu 141 tal-kapitolu 9 tal-ligijijet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll illi sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' l-ispettur Spiridione Zammit u Anabel Cassar Bonnici jew ghaz-zamma talordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat u dan ai termini tal-artikolu 412C.

Finalmemt il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija flimkien ma' ordni ta' protezzjoni, isiru arrangement ghal ordni ta' trattament tal-imputat u dan ai termini tal-artikolu 412D tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda rafrettarja;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu elfejn u tlettax (2013).

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi x-xhieda migjuba;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Din il-kawza titratta fuq allegat vjolenza u theddid mill-imputat fuq l-Ispettur Spridione Zammit u fil-konfront ta' ufficjali ohra meta dawn marru biex jesegwixxu digriet tal-Qorti tal-Familja sabiex l-imputat jirritorna lura l-minuri Luca u dan stante li l-imputat ma kienx obda digriet precedenti li jiehu l-istess minuri lil ommu sa certu hin.

Semghet ix-xhieda tal-istss **Spettur Spiridione Zammit** fejn huwa spjega li huwa kellu jakkumpanja lill-marixxalli tal-Qorti sabiex jesegwixxu d-digriet tal-Qorti tal-Familja (Onor Abigail Lofaro) u kwindi jiehdu lura lill-minuri Luca Cassar minn missieru l-imputat u dan id-digriet kien jipprefiggi infatti li dawn il-marixxalli kellhom jigu akkumpanjati minn ufficjali tal-Pulizija. Huwa jghid illi meta dawn marru d-dar tal-imputat nhar l-ghoxrin (20) ta' Marzu elfejn u tlettax (2013) ghall-habta tal-hdax (11) ta' bil-lejl, laqaghhom l-imputat u hemmhekk kien hemm omm l-imputat u ohtu Rina Cassar. Huwa jghid ukoll illi meta ra li l-imputat ma ried b'xejn illi huwa ma ried jaf b'xejn li jaghti lill-marixxalli lill-minuri Luca, hemmhekk intervjena x-xhud u pprova jispjegalu li huwa jrid jirritornah lura. Fil-pront, huwa jghid illi beda jidghi u jallega li l-pulizija u l-gustizzja hija kollha korrotta.

Huwa jghid ukoll illi hin minnhom l-imputat, sabbat il-*laptop* tieghu u qam b'sabbta u ordna lil kulhadd johrog barra. Ghalhekk l-Ispettur iddecieda li jcempel lil hu l-imputat u cioe' Dennis Cassar sabiex jigi fuq il-post u forsi jipperswadih hu. Dan gie izda kien kollox inutli. Sahansitra, anke oht l-imputat Josephine Cassar marret fuq il-post u ppruvat tipperswadih sabiex jobdi l-ordnijiet izda ta' xejn.

Meta l-Ispettur ra li dan baqa' aggressiv rega' mar ikellmu flimkien mas-Surgent Farrugia u zewg kuntistabbli PC779 u PC746 u meta l-Ispettur messu l-imputat qabez illi dan kien qed isawwtu. Fil-pront huwa ta lit-tifel li kien fuqu lill-marixxalli u hebb ghall-Ispettur izda fil-pront intervjenew l-ufficjali tal-pulizija l-ohra u ferrquh.

L-Ispettur Zammit jghid illi meta huwa kien hiereg 'il barra peress illi f'dak il-mument it-tifel kien f'idejn il-marixxalli, l-imputat beda jghajjat kliem dispregjattiv lejh u jghidlu li hu kottott u anke l-magistrati u l-imhallfin kollha huma korrotti u huma konfoffa mieghu. X'hin ra li dan id-diskors kien qed jirrepetih hafna drabi, l-Ispettur ordna l-arrest tieghu u hemmhekk stiednu

ghall-glied. Wara ttiehed id-Depot tal-Pulizija, ittiehdietlu stqarrija u tressaq il-Qorti.

Ix-xhud ipprezenta certifikat mediku minn Dr. Edward Zammit datat ghoxrin (20) ta' Marzu elfejn u tlettax (2013) peress li wara l-incident dan kien qed ibghati minn ugigh f'ghonqu u f'dahru (Dok SZ1) li gie sussegwentement ikkonfermat permezz tax-xhieda tal-istess tabib datata disgha (9) ta' Dicembru elfejn u tlettax (2013).

Xehdet ukoll **Dr. Ramona Frendo** li kienet l-avukat tal-mara tal-imputat fejn spjegat li hija kellha tipprezenta rikors bl-urgenza wara li l-mara tal-imputat kienet cemplitilha dakinhar li meta marret tiehu lura lil binha Luca mir-residenza ta' omm ir-ragel taghha fis-7:30pm huwa ma riedx itihulha u ghalhekk iddirigietha taghmel rapport l-ghassa u sussegwentement ipprezentat ir-rikors li gie milqugh mill-Qorti tal-Familja sabiex il-minuri jittiehed lura ghand ommu mill-marixxalli tal-Qorti bl-assistenza tal-pulizija (Dok. RF1).

Xehed **PS 1067 Mario Spiteri** li ha r-rapport tal-ex mara tal-imputat nhar id-dsatax (19) ta' Marzu u fejn huwa cempel lill-imputat sabiex jaghti lura lit-tifel izda huwa baqa' jirrifjuta. Sussegwentement inhareg id-digriet tal-Qorti tal-Familja.

Xehed ukoll **PS 31 Mario Farrugia** li kien mar fuq il-post dakinnhar bejn id-dsatax (19) u l-ghoxrin (20) ta' Marzu fir-residenza tal-Fgura fejn l-imputat ma ried b'xejn jaghti t-tifel lill-marixxalli u din is-sitwazzjoni baqghet ghaddejja ghal diversi sieghat. Huwa jghid illi l-imputat beda jghid illi jekk jaghti t-tifel huwa jigi arrestat minnufih u dan ghaliex fil-passat kienu graw xi ngustizzji fil-konfront tieghu li skont l-imputat kienu ttiehdu certi decizjonijiet zbaljati fil-konfront tieghu. Huwa jghid illi l-imputat kien qed jirreferi l-hin kollu ghall-Ispettur Zammit fejn anke' qallu li hu korrott.

Ix-xhud jghid ukoll illi f'hin minnhom l-imputat baqa' sejjer fil-kcina bit-tifel fejn huwa pogga bilqeghda. Dan kien xis-saghtejn u nofs ta' filghodu fejn f'hin minnhom l-imputat ghajjat il-kliem *"jekk tridu t-tifel hudu t-tifel"* u minufih telaq lit-tifel minn idu. Fil-pront il-marixxall qabad lit-tifel sabiex jiehdu u hareg mir-residenza bih. Hemmhekk, ix-xhud ikompli li f'dak il-mument l-imputat qam minn fuq is-siggu u pprova jaghti daqqa ta' ponn lill-Ispettur Zammit izda ma laqtux ghaliex l-Ispettur resaq lura. Kien f'dan il-mument li pulizija tar-Rapid Intervention Unit li kienu marru hemm ghall-assistenza zammew lill-imputat u poggewh bilqeghda. Dan xorta baqa' jghajjar lill-Ispettur Zammit sakemm ma gie mehud mill-pulizija lejn id-*Depot*.

Xehdu wkoll **PS 476 Sean Friggieri**, **PC 779 Gaetano Bugeja** u **PC 1263 Werner** Bugeja fejn huma kkonferma dak kollu li ntqal minn PS 31 Mario Farrugia.

**PC 1216 Svetlich Stellini** filwaqt li kkonferma dak li qalu l-kollegi tieghu xehed ukoll li l-imputat Emanuel Cassar kien irrabjat ghall-Ispettur Zammit peress li fil-passat kellhom xi kawzi kontra xulxin u ghalhekk beda jghajjru "pufta" u "korrott" u anke pprova jhebb ghalih izda peress li kien hemm numru ta' pulizija setghu jevitaw incidenti ulterjuri.

Xehed ukoll hu l-imputat u cioe' **Dennis Cassar** fejn huwa mar fuq il-post tal-incident wara li kienet cemplitlu ohtu u fi kliemu huwa hassu fid-dover li jmur sabiex jaghti daqqa t'id lill-Ispettur. Huwa jghid pero' illi l-Ispettur Zammit seta' jmexxi s-sitwazzjoni ahjar ghaliex skont hu kien hemm certa element ta' provokazzjoni min-naha tieghu.

Huwa jghid illi x'hin irnexxielhom jiehdu t-tifel minn idejn l-imputat ghal xi raguni l-Ispettur Zammit qabad lill-imputat minn spallejh ghax dan kien qed ikun aggressiv izda jghid illi l-imputat qatt ma mess fizikament lill-istess

Spettur. Fuq mistosija tal-ufficjal prosekutur ix-xhud ma kienx f'pozizzjoni ezatta sabiex jixhed fuq il-kliem li beda jlissen l-imputat lejn l-Ispettur Zammit.

Xehed ukoll il-marixxal tal-Qorti involut fil-kaz **Julian Caruana** fejn huwa spjega li hu u marixxal iehor kienu marru bl-assistenza tal-pulizija sabiex jesegwixxu digriet tal-Qorti tal-Familja u l-imputat ma riedx jikkopera, fil-fatt kien hemm xi diskors min-naha tieghu izda finalment u anke bl-assistenza tal-pulizija dan id-digriet gie esegwit. Ix-xhud jghid illi d-digriet gie muri lill-imputat Emanuel Cassar.

Xehed **Marco Bonnici**, li hu l-marixxal l-iehor involut fil-kaz fejn spjega illi huma damu xi tliet (3) sieghat sabiex jesegwixxu d-digriet ghaliex l-imputat ma riedx jikkopera izda finalment irnexxielhom jiehdu lit-tifel. Huwa jghid illi l-pulizija wkoll bdew jippruvaw jikkonvincuh bhalhom sabiex jaghtihom lit-tifel izda l-imputat kien dejjem jirrepeti l-istess kliem li ma jridx jaghtihulhom. Huwa jghid ukoll illi ma jiftakarx li kien hemm xi kliem dispregjattiv.

Xehed **PS500 John Baptist Giusti** fejn huwa spjega kif l-imputat qaghad fuq strajk tal-guh meta kien il-*lock up* tal-pulizija u anke beda jhedded li ser iwegga' lilu nnifsu. Dan informa lill-Ispettur Zammit fejn ordna li l-imputat jigi ezaminat minn tabib. Fil-fatt gie ezaminat minn Dr. Spiteri fejn dan iccertifika li l-imputat ma riedx aktar iwegga' lilu nnifsu izda li ma riedx kura medika (Dok. A fol. 117 *et seq).*

Saret il-prova li l-imputat huwa fil-fatt ufficjal fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin (fol. 123 *et seq).*

Rat is-sentenzi a rigward l-addebitu tar-recidiva li jinsabu a fol. 135 sa fol. 164 tal-process.

Finalment xehed l-imputat **Emanuel Cassar** fejn qal illi meta giet il-mara tigbor lit-tifel dakinhar tad-dsatax (19) ta' Marzu fis-sebgha neqsin kwart ta' filghaxija (6.45 p.m.) huwa ma riedx jaghtihulha ghaliex beda jghidilha li t-tifel huwa tieghu daqs kemm huwa taghha u ghalqilha l-bieb. Gara illi f'xi l-hdax ta' bil-lejl (23:00) marru zewg marixxalli flimkien ma' pulizija u dan hallihom jidhlu l-marixxalli izda ma riedx lill-Ispettur Zammit jidhol ghaliex skont hu kellhom xi problemi fil-passat. Dan jghid illi l-Ispettur Zammit xorta dahal u beda jidghi bil-Madonna. Dan jghid ukoll illi huwa kien fil-passat ghamel hamsa u sittin (65) rapport l-ghassa tal-pulizija u skont hu hafna minnhom l-anqas biss issibhom fuq il-kompjuter taghhom.

Huwa jkompli jghid illi l-Ispettur Zammit dakinnhar beda jipprovokah billi beda jidhol u johrog mid-dar, jghidlu li hu kiesah, itaptaplu fuq spallejh. Huwa jghid li fil-fatt kemm il-darba harguh il-pulizija.

Jghid ukoll illi meta pogga lit-tifel fl-art tah lil huh Dennis Cassar ghaliex hu ma riedx jaghtih lill-Marixxalli ghaliex wiehed minnhom kien midghi.

Dan jghid li wara l-Ispettur Zammit ipprova jhebb ghalih wara li dan qam minn bilqeghda. Minn hemmhekk l-imputat jghid li gie arrestat u ttiehditlu l-istqarrija wara li nghata d-dritt tal-avukat.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi kollha li ngabu hareg li l-imputat ghandu problema serja ta' komportament illi huwa jahseb illi kulhadd huwa kontrih. Hareg car ukoll illi huwa ghandu problema wkoll ta' *attention seeking* fejn il-hin kollu tul l-incident kien mohhu biss u esklussivament fuqu u mhux fuq il-minuri li kien qed jassisti ghall-incident kollu.

L-imputat ukoll ma kienx jaf jiggestixxi sitwazzjoni fejn kellu b'mod car digriet ta' Qorti u fejn kien hemm ufficjali li kienu qeghdin jaghmlu d-dover taghhom u huwa xorta wahda ried imur kontra din l-Awtorita'.

L-imputat mill-ewwel kien antagonist meta gew il-marixxalli, u hija skuza li jghid illi ma felahx jara lill-Ispettur Zammit hemmhekk ghaliex kellhom problemi fil-passat. Bl-Ispettur Zammit jew le l-imputat xorta wahda ma kienx ser jaghti lit-tifel lill-marixxalli ghaliex anke fi kliemu l-ewwel jghid li ma kellux problemi bil-marixxalli u mbaghad jghid illi qieghed mill-marixxalli kien midghi u ghalhekk kellu problema li jaghtihom lit-tifel.

Din il-Qorti ma tistax tara bhala veritjiera l-interpretazzjoni tal-imputat ghall-incident u qed tigi wzata l-kelma "interpretazzjoni" ghaliex l-imputat probabbilment verament haseb li l-Ispettur kien antagonizzanti lejh izda din il-Qorti ma tistax temmen li l-Ispettur Zammit verament atteggja ruhu hekk kif spjega l-imputat.

Fil-fatt ix-xhieda kollha prodotti hadd ma kkonferma dan l-atteggjament min-naha tal-Ispettur sahansitra l-anqas hu l-imputat Emanuel Cassar li deher vizibilment imhawwad sabiex ma jgharraqx il-pozizzjoni tal-imputat fix-xhieda tieghu.

Li kieku verament gara dak li qal l-imputat, ghaliex ma tellghax jixhed lill-ohtu Rina Cassar li skont hu kienet prezenti meta jghid li l-Ispettur beda jidghi bil-Madonna u jghajjru.

Dan kollu ma jirrispekkjax tajjeb fuq l-imputat li certament, fil-pozizzjoni tieghu ta' ufficjal fil-Facilita' Korrettiva, ghandu jkollu aktar diligenza u jirrispetta aktar l-Awtorita' ta' fuqu.

Illi pero' ma giex ippruvat illi bl-atteggjament tieghu ikkaguna biza' fuq l-Ispettur li kienet ser issirlu xi vjolenza jew li kiser il-mistrieh tal-lejl ghaliex l-argument kollu sar fid-dar residenzjali ta' omm l-imputat u l-anqas giet ippruvata li l-imputat lissen xi kliem oxxen jew indicenti.

Din il-Qorti tippremetti li ghalkemm l-imputat ghandu l-addebitu tar-recidiva ma thossx li ghandha tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 49 u 50 u taghti habs effettiv u dan sabiex l-imputat finalment jinghata cans li jiggestixxi b'mod professjonali l-problemi komportamentali li ghandu u dan anke ghall-gid ta' ibnu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 141, 86, 87 (1)(d)(h), 95, 96, 338(ee) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Emanuel Cassar hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), is-seba' (7), it-tmien (8) u d-disa' (9) akkuzi u stante li t-tmien (8) u d-disa' (9) akkuzi huma assorbiti fl-ewwel (1) akkuza; inkwantu ghall-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), it-tmien (8) u d-disa' (9) akkuzi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghall-erba' (4) snin li tinkorpora Ordni ta' Supervizjoni, filwaqt li tilliberah mir-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuzi stante li ma gewx ippruvati.

Il-Qorti wkoll qed timponi Ordni ta' Protezzjoni taht l-Artikolu 412C u dan a favur l-Ispettur Spiridione Zammit liema Ordni qed tigi annessa ma' din is-sentenza u ghalhekk ghandha tifforma parti ntegrali minn din is-sentenza.

---

**Ft./Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**